

(Kawża C-496/20)

Rikorrent: M.F.

Konvenut: T.P.,

fil-preżenza ta': Prokurator Generalny

(Kawża C-506/20)

Rikorrent: T.B.

Konvenuti: T.D., M.D., P.K., J.L., M.L., O.N., G.Z., A.S., Skarb Państwa – Sąd Najwyższy,

fil-preżenza ta': Prokurator Generalny

(Kawża C-509/20)

Rikorrent: M.F.

Konvenut: J.M.

fil-preżenza ta': Prokurator Generalny, Rzecznik Praw Obywatelskich

(Kawża C-511/20)

Rikorrent: B.S.

Konvenuti: T.D., M.D., P.K., J.L., M.L., O.N., Skarb Państwa – Sąd Najwyższy

fil-preżenza ta': Prokurator Generalny

## Dispożittiv

It-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) (il-Qorti Suprema (l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċċali), il-Polonja) permezz tad-deċiżjonijiet tal-15 ta' Lulju 2020, huma inammissibbli.

(<sup>(1)</sup> ĠU C 44, 8.2.2021.)

---

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Seba' Awla) tat-13 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzgericht) – l-Awstrija – XO vs Finanzamt Österreich, li kien Finanzamt Waldviertel

(Kawża C-574/20 <sup>(1)</sup>), Finanzamt Österreich)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sigurtà soċċali – Benefiċċi tal-familja – Indiċjar skont il-prezzijiet – Risposta għal domanda preliminari li tista' kċarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – Assenza ta' rabta bejn id-domanda preliminari u t-tilwima fil-kawża prinċipali – Domanda manifestament inammissibbli)

(2023/C 164/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzgericht

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XO

Konvenuta: Finanzamt Österreich, li kien Finanzamt Waldviertel

## Dispożittiv

- 1) L-eżami tal-ewwel domanda preliminari ma rreleva ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċċali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012, fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE.
- 2) It-tieni domanda preliminari magħmula mill-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi, l-Awstrija) hija manifestament inammissibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 35, 1.2.2021.

### Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-17 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofijski rayonen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri mibdija minn TBI Bank

(Kawża C-379/21 (<sup>1</sup>), TBI Bank)

*(Talba għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kreditu għall-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 6(1) – Klawżoli inġusti – Rijfut li tinħareġ ordni ta' ħlas immedjat fil-każ ta' pretensjoni bbażata fuq klawsola inġusta – Konsegwenzi relatati man-natura inġusta ta' klawsola kuntrattwali – Istruzzjonijiet ta' qorti superjuri li ma josservawx l-imsemmija konsegwenzi)*

(2023/C 164/26)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

## Qorti tar-rinviju

Sofijski rayonen sad

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: TBI Bank

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f-kuntratti mal-konsumatur,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-qorti nazzjonali, adita b'talba għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas u meta d-debitur-konsumatur ma jipparteċipax fil-proċeduri sal-ħruġ tagħha, hija marbuta li tiċħad ex officio l-applikazzjoni ta' klawżola abbużiva fil-kuntratt ta' kreditu għall-konsumaturi konkluż bejn dan il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat, li fuqha hija bbażata parti tal-pretensjoni invokata. F'dan il-każ, din il-qorti għandha l-għażla li parżjalment tiċħad din it-talba, bil-kundizzjoni, minn naħħa, li dan il-kuntratt ikun jista' jeżisti mingħajr ebda modifikasi, reviżjoni jew żieda oħra, li hija l-qorti msemmija li għandha tivverifika dan, u, min-naħħa l-oħra, li l-pretensjonijiet li joħorġu minn din il-klawżola jistgħu jiġi distinti mill-kumplament tat-talba.

- 2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13

għandu jiġi interpretat fis-sens li

jipprekludi li qorti nazzjonali, li għandha tiddeċċedi kawża wara li din tintbagħħat lura lilha minn qorti superjuri, tkun marbuta, skont il-liġi proċedurali nazzjonali, bl-evalwazzjonijiet magħmula fid-dritt kif ukoll minn struzzjonijiet maħruġa mill-qorti superjuri, jekk tqis, fid-dawl tal-interpretazzjoni li talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn l-evalwazzjonijiet u istruzzjonijiet ma jisiltux il-konsegwenzi legali tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsumaturi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 368, 13.9.2021.